**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

**Illum 20 ta' April 2010**

**Lill- Public Broadcasting Services Limited**
**75 St Luke's Road**
**Gwardamangia**

Illi l-**Awtorità tax-Xandir** ġiet notifikata b'ittra uffiċjali datata 12 ta' April 2010 li titratta dwar id-deċiżjoni tal-istess Awtorità datata 6 ta' April 2010 dwar il-programm Bondiplus li xxandar fit-8 ta' Marzu 2010 fuq l-istazzjon televiżiv TVM;

Illi fl-imsemmi programm l-Awtorità tax-Xandir sabet li dan il-programm kien kiser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(2)(f) tal-Att dwar ix-Xandir peress li, għal darb'oħra, ma kienx imparzjali. Ta' min jinnota li dawn id-dispożizzjonijiet huma bbażati fuq l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi fl-ittra uffiċjali tagħha s-soċjetà Public Broadcasting Services Limited tallega illi din l-imsemmija deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir hija milquta minn nullità u invalidità fit-termini tal-liġi billi f'din id-deċiżjoni l-Awtorità tax-Xandir marret oltre dawk il-parametri konferiti lilha speċifikatament mill-Kostituzzjoni u fl-Att dwar ix-Xandir inkluż regolamenti li saru taħt l-istess Att, billi naqset li tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti u meħtieġa sabiex tifforma l-ġudizzju tagħha, billi hija deċiżjoni nieqsa minn dik ir-raġonevolezza meħtieġa f'kull eżerċizzju ta' diskrezzjoni mogħtija b'liġi, billi ittieħdet bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u billi in oltre tikser il-Kostituzzjoni u l-Att dwar ix-Xandir;

Illi dak li qed jingħad mis-soċjetà Public Broadcasting Services Limited huwa kollu kemm hu miċħud mill-Awtorità tax-Xandir li qiegħda tirrespingi bil-qawwa kollha dak kollu li qed jintqal fil-konfront tagħha fl-ittra uffiċjali tas-soċjetà Public Broadcasting Services Limited, aktar u aktar meta l-Awtorità tinnota li f'deċiżjoni analoga li hija kienet tat dwar edizzjoni oħra tal-istess programm fil-15 ta' Jannar 2008 l-Awtorita' kienet għal darb'oħra sabet li l-programm Bondiplus kien kiser l-Att dwar ix-Xandir peress li naqas milli jkun imparzjali. F'dik l-edizzjoni tal-programm Bondiplus, is-soċjetà Public Broadcasting Services Limited kienet aċċettat li l-programm Bondiplus kien parzjali u li kiser l-Att dwar ix-Xandir peress li ma talbietx stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Awtorità quddiem il-qorti kompetenti. B'hekk dik id-deċiżjoni tal-Awtorità saret waħda finali u irrevokabbli. Dan kollu qed jingħad mingħajr ebda preġudizzju għal sottomissjonijiet oħrajn li l-Awtorità bi ħsiebha tressaq fi proċeduri ġudizzjarji ulterjuri biex ixxejjen dak kollu li

qed jiġi allegat fil-konfront tagħha fl-ittra uffiċjali tas-soċjetà Public Broadcasting Services Limited hawn fuq imsemmija;

L-Awtorità tax-Xandir għalhekk qed tinterpella lis-soċjetà Public Broadcasting Services Limited biex ma tkomplix bi proċeduri ulterjuri ta' stħarriġ ġudizzjarju fir-rigward tad-deċizjoni tal-Awtorità tax-Xandir tas-6 ta' April 2010 in vista tal-fatt li l-Awtorità kienet diġà ddeċidiet akkuża simili għal dik li dwarha l-istazzjon qed jilmenta fl-ittra uffiċjali tiegħu u l-istazzjon nazzjonali kien aċċetta tali deċiżjoni bla ebda kontestazzjoni. Il-kumpanija Public Broadcasting Services Limited għandha għalhekk tirrikonoxxi li hija żbaljat meta ppermettiet li jixxandar programm żbilanċjat, u tieqaf milli tistitwixxi proċeduri frivoli bħalma huma dawk li hija qed tipprospetta li tieħu fil-konfront tal-Awtorità. Minflok is-soċjetà Public Broadcasting Services Limited għandha hija stess tiżgura li l-programmi kollha mxandra fuq il-mezzi tax-xandir tagħha jissodisfaw l-Att dwar ix-Xandir u mhux toqgħod tistenna lill-Awtorità li ssibha ħatja ta' ksur tal-liġi.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż.

**Professur Ian Refalo,**
**Buttigieg, Refalo & Zammit Pace Advocates,**
**54 St Christopher Street**
**Valletta**

Notifika: (1) Public Broadcasting Services Limited
75 St Luke's Road
Gwardamangia

(2) Avukat Ġenerali, Il-Palazz, Pjazza San Gorg, Valletta.